- *PEDESTRIAN* -

- *PROPER LOOK OUT* - *AWTO-INKOLPAZZJONI* -

- *DIZABILITA' PERMANENTI* -

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF.

## ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 11 ta' Lulju, 2001**

**Kawza Numru. 8**
**Citaz. Numru. 668/00/RCP.**

**Reginald Marmara`**

**vs**

**Anthony Chetcuti**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi fit-28 ta' Novembru, 1999, waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Daewoo Racer b'numru ta' registrazzjoni TFA 021 tajjar lill-attur waqt li kien qed jaqsam it-triq.

Illi l-konvenut kien responsabbli ghal dan l-incident li sehh minhabba negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi in konsegwenza tal-incident, l-attur soffra danni konsistenti f'disabilita permanenti.

Illi minkejja l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal likwidazzjoni tad-danni, baqa' inadempjenti.

L-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-incident tat-28 ta' Novembru, 1999, fil-Qawra Coast Road sehh b'tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u l-imghax, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali u l-konvenut ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 13 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu stante illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-attur Reginald Marmara' minhabba traskuragni u imperizja u nuqqas ta' *'proper lookout'* da parti tieghu meta huwa qabad u qasam it-triq u konsegwentement id-danni ghandhom jigu sopportati minnu;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol 14 u 15 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Gunju 2000 fejn inghata digriet tal-affidavits u peress li kien hemm bzonn ta’ nomina ta’ perit mediku, il-Qorti nnominat lill-Perit Mediku Mr Charles Grixti a spejjez provizorjament tal-attur. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet u ghall-prezentata tar-rapport mediku ghas-7 ta’ Novembru 2000.

Rat in-nota tal-attur tal-4 t'Ottubru 200 fejn gie prezentat l-affidavit tal-istess attur u xi dokumenti (fol 21 sa 29 tal-process), u l-affidavit ta' Antonia Marmara (fol 30 u 31).

Rat il-verbal tas-7 ta' Novembru 2000 fejn xehdu Christopher Saliba, PC 795 J Debono, Albert Dimech u Reginald Marmara;  inghata digriet tal-affidavits lill-konvenut u l-kawza giet differita ghall-provi kollha li fadal u ghall-prezentata tar-rapport mediku ghall-1 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2001 fejn il-Perit Mediku Mr Charles Grixti halef ir-rappot. Xehdu PS 874 Patrick Zammit, PS 1381 Michael Camilleri, Albert Dimech, il-konvenut Anthony Chetcuti u l-attur Reginald Marmara`. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar u l-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport u *occorendo* ghall-finali trattazzjoni ghat-3 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2001 fejn Dr Greta Mifsud Agius ghall-attur talbet li tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet.  Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' tlettin gurnata ghall-prezentata tal-istess bin-notifika/visto lid-difensur tal-kontro-parti li jkollha tlettin (30) jum biex tirrispondi.  Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Lulju 2001.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur Reginald Marmara prezentata fit-18 ta' Mejju 2001.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Anthony Chetcuti prezentata fil-25 ta' Gunju 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) L-AZZJONI ATTRICI.

Illi din il-kawza titratta dwar l-allegazzjoni da parte tal-attur li fit-28 ta' Novembru 1999 huwa safa' imtajjar mill-konvenut li kien qed isuq il-vettura Reg. No. TFA-021 meta l-attur kien ser jaqsam it-triq f'Qawra Coast Road, Qawra, quddiem is-Suncrest Hotel, u ghalhekk qed tintalab dikjarazzjoni ta' responsabilita', likwidazzjoni ta' danni, u kundanna ghall-hlas ta' danni fil-konfront tal-attur.

### (B) PROVI PRODOTTI DWAR L-INCIDENT.

Illi **l-attur** sostna li huwa ipparkja l-karozza quddiem is-Suncrest Hotel, bil-karozza thares lejn Burmarrad, ghalaq il-karozza u kif mar biex jaqsam, huwa ra karozza gejja minn Burmarrad, u waqaf biex ihalliha

tghaddi, u kif kien sejjer ihares fuq il-lemin gie milqut, ittajjar qisu tul ta’ zewg karozzi, u kawza tal-istess sofra ksur fil-qiegh ta’ saqajh tax-xellug.

Illi in kontro-ezami qal li kull ma kien ghamel kien biss pass mill-karozza tieghu sakemm intlaqat. Insista li ma kienitx niezla xita qawwija, izda kienet traxxax.

Illi **Antonia Marmara’** sostniet li sakemm ir-ragel taghha, l-attur, ipparkja l-karozza hija kienet qasmet it-triq, izda zewgha ma qasamx peress li kienet gejja karozza minn Burmarrad, u ghalhekk stenniha tghaddi. Sakemm telghet il-bankina zewgha intlaqat mill-vettura tal-konvenut li kienet gejja mid-direzzjoni ta’ Bugibba, u dan billi laqtitu minn naha ta’ wara ta’ irkubbtejh, u wara li tkaxxkar, tgerbeb minn fuq il-karozza ghal ma’ l-art.

Illi **PC 795 Joseph Debono** xehed li huwa kien qed jassisti lill-PS 1381 Michael Camilleri u lill-PS 874 Patrick Zammit li investigaw l-incident, u jiftakar li ra lill-attur izzapap u ddahhal is-Suncrest Hotel.

Illi **Albert Dimech** xehed li huwa kien fil-karozza tal-konvenut, u kienu gejjin minn Fra Ben u sostna li ra lill-konvenut hiereg jigri mill-karozza tieghu biex jaqsam it-triq minn fejn kellu l-karozza pparkjata sabiex imur fuq in-naha tas-Suncrest Hotel; sostna li ra lill-attur l-ewwel darba fuq il-karozza, ghalkemm sostna li rah hiereg mill-karozza, u mexa tlett jew

zewg passi u li ma lahqux evitawh. Sostna li kien id-dlam ghaliex l-incident gara fis-1.30.a.m.

Illi inkontro-ezami l-istess xhud sostna li kienu qed isuqu normali, meta waslu fejn iz-*zebra crossing* l-attur gie fuqhom mill-ewwel. Kienu ghadhom kemm qabzu *zebra crossing* stante li f'dawk l-inhawi hemm *zebra crossing* fejn il-Qawra Palace Hotel u l-ohra aktar l-isfel mis-Suncrest Hotel. Sostna li l-attur rah mal-habta u kien libes kollox skur.

Illi **PS 874 Patrick Zammit** sostna li dak in-nhar kienet ix-xita qliel u l-art kienet imxarrba u mar biex jghin lill-PS 1381 Michael Camilleri li proprjament investiga l-incident.

Illi **PS 1381 Michael Camilleri** sostna li nvestiga l-incident u li kienet ix-xita. Ikkonferma l-okkorrenza ghaliex kien mar fuq il-post biex jinvestiga l-incident u sab li l-attur kien ser jaqsam it-triq, u kif kien qed jaqsam tajritu l-karozza, meta martu kienet ghadha ma qasmitx. Sostna li intlaqat fil-parti tat-triq in-naha tal-bahar. Sostna li huwa kellem lill-attur li kien qed isserrah ma' karozza ipparkjata li qallu li kienu ser imorru l-lukanda u gie l-konvenut u baqa' diehel fuqu. Kellem ukoll lill-konvenut li qallu *"li ma kienx rah".* Kompla *"kien ser jibda jaqsam it-triq, ma kienx qasamha kollha. Kien beda ha jaqsam".*

Illi l-istess Surgent sostna li huwa stabilixxa fejn ittajjar l-attur u dan kien fejn waqfet il-karozza. Sostna li d-dawl fit-triq ma kienx mixghul, ghalkemm il-lukandi kienu mixghulin. Kien hemm karozzi pparkjata fuq in-naha tat-triq minn fejn qasam l-attur.

Illi **l-konvenut** sostna li kif qabez iz-*zebra crossing* ta' quddiem il-Qawra Palace Hotel lemah xi haga skura taqsamlu quddiemu, laqtu u nqaleb ghal fuq il-*bonnet.* Mistoqsi jekk rahx jaqsam sostna li *"ra xi haga sewda quddiemu".* Kompla li kien qieghed isuq ezatt mal-linja ta' nofs it-triq, u mal-impatt il-karozza ma tkaxxkret xejn. Kien miexi b'velocita' ta' 30 jew 35km fis-siegha. Ma kellux karozzi quddiemu u lanqas mill-faccata. Laqtu fejn kienet ipparkjata l-karozza tieghu, ftit imtarrag mill-karozza ipparkjata.

## (C) Apprezament tal-provi dwar responsabilita' tal-incident.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur ipparkja l-karozza tieghu mal-bankina faccata tas-Suncrest Hotel, il-Qawra, f'xi 1.30.a.m, kien id-dlam, bit-triq mhux imdawwla sew, ghalkemm il-Hotels kienu bid-dawl, u kienet ix-xita. Ipparkja l-karozza l-ahhar wahda kif indikat fir-ritratti esebiti, u l-mara qasmet it-triq, u huwa hareg mill-karozza, sakkar l-istess, u hares lejn id-direzzjoni ta' Burmarrad, fuq ix-xellug tieghu sabiex jesplora t-triq u ra li kienet gejja karozza

mill-istess direzzjoni, u kif ser ihares lejn in-naha tal-lemin tieghu, hekk dejjem wieqaf hdejn il-karozza tieghu, huwa safa' imtajjar mill-karozza tal-konvenut, li kienet gejja minn fuq il-lemin tieghu, mid-direzzjoni ta' Burmarrad.

Illi din il-Qorti hija konvinta li abbazi tal-provi prodotti, u x-xhieda fuq riportata, din hija id-dinamika tal-incident, b'dan ghalhekk li huwa skond din il-Qorti ppruvat li l-attur kien gie investit mill-karozza tal-konvenut, hekk kif l-istess attur kien fit-triq, hdejn il-karozza tieghu, jesplora l-istess triq qabel ma jaqsam, u dwar dan jinsab ikkoroborat minn martu, almenu sal-punt, li kien waqaf milli jaqsam mill-ewwel sabiex isakkar il-karozza, u sabiex jistena karozza li kienet gejja mid-direzzjoni ta' Burmarrad, u mill-okkorenza esebita a fol. 66 sa 68 tal-process, minn fejn jirrizulta li *"a tempo vergine"* l-istess attur ta' din il-versjoni tieghu mill-ewwel, kif kien ukoll mugugh lis-Surgent P.S. 1381 Michael Camilleri, li flimkien ma' P.S. 874 Patrick Spiteri investigaw l-incident *de quo.*

Illi invece jekk wiehed ihares lejn il-versjoni tal-konvenut din assolutament fic-cirkostanzi tal-kaz, u mill-provi prodotti ma hijiex kredibbli, u dan fis-sens li waqt ix-xhieda tieghu l-istess konvenut sostna li l-attur hareg f'daqqa ghal quddiemu, ovvjament bl-implikazzjoni li l-istess attur qabad u qasam f'daqqa minghajr ma esplora t-triq, mentri mill-okkorenza innifisha jinghad car u tond li *"driver of car no.*

*TFA-021 further stated that he did not see Marmara' on the left hand side of the road at the time of the accident".*

Illi dan ifisser li dak kollu li sostna l-konvenut f'din il-kawza u cioe' li l-attur hareg f'daqqa quddiemu, ma jista jkollu ebda bazi ta' kredibilita' stante li l-konvenut innifsu ammetta *a tempo vergine* li huwa fl-ebda mument ma ra lill-attur hlief mal-impatt, u ghalhekk ma jistax hlief jippotizza x'ghamel l-attur qabel l-impatt.

Illi ghalhekk dwar il-versjoni tal-konvenut, din il-Qorti thoss li huwa gustifikabbli li jinghad, li l-konvenut ma indunax bil-presenza tal-attur fit-triq hdejn il-karozza tieghu, hlief mal-impatt, u biss wara li laqat lill-attur bil-karozza tieghu, anzi jidher ukoll ippruvat li l-attur induna x'laqat biss wara l-incident, ghaliex skond ix-xhieda tieghu stess kull ma ra kienet xi haga skura quddiemu.

Illi ovvjament f'dawn ic-cirkostanzi meta l-konvenut issostni li ma rax lill-attur qabel l-incident, lanqas fuq il-lemin tieghu, hija *awto-inkolpazzjoni*, stante li huwa dover ta' kull sewwieq li jesplora sewwa t-triq, u jara dak li hemm quddiemu, b'mod li jzomm *proper look out*, u jara dak li huwa *in plain view,* u l-ammissjoni da parte tal-konvenut, li ma ra xejn qabel l-istess impatt, ma hija xejn izjed hlief ammissjoni li dawn ir-regoli bazici l-istess konvenut ma osservahomx.

Illi nghad li kien hemm cirkostanzi li jnaqqsu r-responsabilita' tal-konvenut fl-istess incident, fosthom li dak in-nhar tal-incident kienet ix-xita, kien id-dlam, l-attur kien libes skur, u wkoll li kien hemm *zebra crossing* fil-vicinanzi.

Illi dwar l-elementi ta' xita u dlam, jinghad tali cirkostanzi jirrendu r-responsabilita' tas-sewwieq iktar gravuza fis-sens li jimponu obbligu fuq is-sewwieq li jkun aktar attent fl-investiment tal-vettura tieghu, u li jkun iktar kawt fis-sewqan tieghu.

Illi fil-kaz in kwistjoni jidher li l-konvenut dejjem kellu id-dawl tal-vettura tieghu li qed jurih it-triq, u kien qed jara t-triq sew altrimenti ma kienx ikun miexi b'velocita' ta' 30 jew 35km fis-siegha, b'dan li tali velocita` tindika bla ebda dubju li l-konvenut kien qed jara it-triq sew, u allura kif kien qed isuq b'dak il-mod, certament kellu jinduna bil-presenza tal-attur, li waqqaf il-vettura tieghu, ipparkja, hareg mill-karozza, sakkarha, u kien wieqaf hdejja jesplora it-triq. Dan qed jinghad ukoll stante li mid-direzzjoni ta' fejn kien gej il-konvenut, huwa ma kellu xejn x'jostakolalu l-vizzjoni tieghu, peress li l-lanqas karozzi quddiemu ma kellu.

Illi dwar l-allegat ilbies ma jirrizultax li dan kellu ifixkel lill-konvenut milli jara lill-attur, u fl-ahharnett il-fatt li kien hemm *zebra crossing* fil-vicinanzi, ma jezonerax

lill-konvenut milli juza l-prudenza fis-sewqan tieghu u fuq kollox li jzomm *proper look out,* haga li f'dan il-kaz l-istess konvenut manifestament ma ghamilx.

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza odjerna.

(D) LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.

(i) *Damnum Emergens.*

Illi l-attur sostna li sofra s-segwenti spejjez b'kawza diretta tal-istess incident u cioe':-

| | | | |
|---|---|---|---|
| (i) | Tuaco Opticians. | Lm20.00. | Dok. "RM 7". |
| (ii) | Madliena Pharm. | Lm01.53. | Dok. "RM 8". |
| (iii) | Madliena Pharm. | Lm01.18. | Dok. "RM 9". |
| (iv) | " " | Lm01.99. | Dok."RM 15". |
| (v) | Santa Lucia Ph. | Lm02.37. | Dok."RM 10". |
| (vi) | " " | Lm03.41. | Dok."RM 11". |
| (vii) | " " | Lm02.05. | Dok."RM 12". |
| (viii) | " " | Lm02.44. | Dok."RM 13". |
| (ix) | " " | Lm11.99. | Dok."RM 14". |
| (x) | " " | Lm03.00. | Dok."RM 16". |
| (xi) | " " | Lm04.00. | Dok."RM 17". |
| (xii) | " " | Lm04.00. | Dok."RM 18". |
| (xiii) | " " | Lm03.00. | Dok."RM 19". |
| TOTAL. | | Lm66.58. | ----------------- |

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur sostna li l-attur allega li jahdem bhala *watchman* mal-gvern b'paga ta' Lm4,056 fis-sena fis-sena 1999/2000, apparti introjtu iehor bhala *part-time* ma' Joseph Aquilina fl-ammont ta' Lm711 ghall-istess sena, kif *di piu'* jirrizulta mid-dokumenti esebiti mal-affidavit tal-attur tal-4 ta' Ottubru 2000 minn fol. 21 sa fol. 29 tal-process.

Illi kawza tal-incident kif jirrizulta mic-certifikat mediku ta' Mr. Charles Grixti jirrizulta li l-attur reggha beda jahdem fi Frar 2000, u soffra griehi fl-irkoppa x-xellugija u fil-pala tas-sieq ix-xellugija li minnhom irkuppra sew hlief li l-irkoppa tax-xellug ghadha ttieh problemi kemm minhabba l-ugiegh kif ukoll minhabba in-nefha u ftit ilma; kellu hsara fil-*cartilage* tan-naha ta' gewwa tal-irkoppa, u ghalhekk ghandu bzonn ukoll jaghmel operazzjoni ta' artoskopija biex titnehha din l-ahhar hsara. Apparti dan jirrizulta wkoll li l-muskolu *quadriceps* tax-xellug kien dghajjef kif ikkomparat ma' dak tal-lemin li jindika li l-irkoppa ghadha qed itieh fastidju.

Illi minhabba dawn il-griehi l-istess attur hareg *bis-sick leave* mit-28 ta' Novembru 1999 sat-28 ta' Jannar 2000 u b'hekk tilef il-hlas tal-*weekends* li kien jithallas fil-gimgha fl-ammont ta' Lm93.36, kif jirrizulta mid-dokument "RM 4".

Illi minbarra dan ghamel ghaxar gimghat ma jmurx ghax-xoghol *part-time* ekwivalenti ghall-Lm240 u

ghalhekk anke dan l-ammont gie mitluf mill-attur kawza tal-istess griehi sofferti minnu fl-istess incident.

Illi ghalhekk l-ammont ta' *damnum emergens* li qed jigi likwidat huwa ta' Lm66.58, flimkien ma' Lm93.36, u Lm240 fuq indikati, li jhallu total ta' Lm399.94.

*(ii). Lucrum Cessans.*

Illi kawza tal-griehi fuq sofferti skond ir-rapport mediku fuq indikat il-perit mediku kkonkluda li l-istess attur soffra dizabilita' permanenti ta' hamsa (5%) fil-mija.

Illi ppruvat li l-paga tal-istess attur kienet ta' Lm4,056 fis-sena meta gara l-incident, flimkien ma introjtu ghall-xoghol *part-time* ta' Lm711, jirrizulta li l-istess attur ghandu introjtu ta' almenu ta' Lm4,767 fis-sena.

Illi stabbilit li l-attur kellu 53 sena meta gara l-incident, huwa ghandu *working life ecpectancy* ta' tmien (8) snin u allura l-ammont li huwa dovut bhala *lucrum cessans* huwa s-segwenti:-

Lm4,767 x 8 x 5% = Lm1,906.80 li minnhom ghandhom jitnaqqsu 20% *lump sum payment* fl-ammont ta' Lm381.36, li jhallu bilanc ta' Lm1,525.44.

*(iii) Total ta' danni likwidati.*

Illi ghalhekk it-total ta' danni likwidati huwa ta' Lm1,525.44 flimkien ma' Lm3,99.94 li jammontaw ghall-elf, disa' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tmienja u tlettin centezmu (Lm1,925.38), li lanqas jidher li gew kontestati, u jidhru li huma ragonevoli fil-kaz in kwistjoni u ghalhekk l-ammont ta' danni hekk jigi likwidat fl-istess ammont.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara li l-incident tat-28 ta' Novembru, 1999, fil-Qawra Coast Road sehh b'tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' elf, disa' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tmienja u tlettin centezmu (Lm1,925.38).

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati lill-attur fl-ammont ta' elf, disa' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tmienja u tlettin centezmu (Lm1,925.38).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagement kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**11 ta' Lulju 2001.**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**11 ta' Lulju 2001.**